MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Numru 136/2001

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Attard talli fit-2 ta' Dicembru 1998 ghall-habta tal-12.40pm fl-Gharb, Ghawdex, (**1**) verbalment insulenta u hedded u fizikament ipprova jagredixxi lill-Joseph Felice kif ukoll hedded lill John Agius u Karl Xerri, ilkoll ufficcjali tal-Awtorita` tal-Ippjanar, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dak is-servizz, [jew] bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, f'sit fi triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex, kif ukoll (**2**) ai termini tal-Artikolu 56(1)(d) tal-Att I tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp talli pprova jfixkel lill-

istess ufficcjali tal-Awtorita` tal-Ippjanar fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom skond il-ligi; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-provvedimenti kontemplati fl-Artikolu 56(1) ta' l-Att imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-20 ta' Gunju 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Charles Attard hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hames mitt lira (Lm500);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Charles Attard, minnu ppresentat fis-6 ta' Lulju 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-deposizzjonijiet moghtija quddiem din il-Qorti diversament presjeduta; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Jannar, 2003; ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti tippreciza li dina l-kawza, kemm quddiem il-Qorti Inferjuri kif ukoll quddiem din il-Qorti (jigifieri fi stadju ta' appell) kienet qed tinstema' kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Perit Godfrey Vella Baldacchino*** (Appell nru. 137/2001) u dana peress li l-imputazzjonijiet kemm kontra l-Perit Vella Baldacchino kif ukoll kontra l-appellant odjern huma bbazati fuq l-istess incident, u x-xhieda tal-prosekuzzjoni huma l-istess fiz-zewg kawzi.

L-ewwel qorti sabet lill-Charles Attard hati kemm tar-reat ta' oltragg kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll tar-reat specjali kontemplat fl-Artikolu 56(1)(d) ta' dak li llum huwa l-Kap. 356 (l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp).

L-appellant ghandu, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin u zbaljat tal-provi li kellha quddiemha. L-appellant jikkontendi li huwa ma insolenta u ma hedded lil hadd mill-ufficjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li, fil-gurnata, fil-hin u fil-post indikati fl-imputazzjoni kienu

qed iwettqu xoghol ta' demolizzjoni ta' parti minn bini. Jghid li kien hemm hafna inkonsistenzi u "konflitti" fid-deposizzjonijiet moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Jghid li f'dak li huwa qal lil dawn l-ufficjali kien nieqes l-*animus injuriandi* u li dak li qal qalulhom, se mai, *animus reclamandi*.

It-tieni aggravju hu li, fi kwalunkwe kaz, huwa qatt ma seta' jinstab hati skond l-Artikolu 56(1)(d) tal-Kap. 356 ghax bl-intervent tieghu (u tal-Perit Vella Baldacchino) hu ma fixkel bl-ebda mod lill-ufficjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom stante li dawn kienu diga wettqu xogholhom meta hu tfacca fuq is-sit in kwistjoni.

Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel qorti. Din il-Qorti tintervjeni biss jekk tkun tal-fehma li dik il-qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti, ghalhekk, ezaminat bl-akbar reqqa d-deposizzjonijiet kollha. Issa, ix-xhieda kwazi kollha tal-prosekuzzjoni tista' tghid li semghu kliem ingurjuz u ta' theddid da parti ta' l-appellant dirett lejn xi wiehed jew aktar mill-ufficjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Aktar minn xhud wiehed ikkonferma bil-gurament tieghu li l-appellant tela' ikkargat ghall-ufficjal Joseph Felice, u kienu l-Pulizija li, bl-uzu tal-forza, kellhom izommuh milli jmur ihebb ghal dan Felice. S'intendi, f'incident li dam aktar minn kwarta, kulhadd jisma' u jara ftit minn kollox, u wiehed m'ghandux jippretendi li kullma jisma' jew jara wiehed ser ikun korroborat, kelma b'kelma u minuta b'minuta, minn xi xhud iehor. L-incidenti movimentati, bhalma kien dak meritu ta' dana l-appell, ma jistghux jitkejlu la bir-rutella u anqas bil-kronometru. Il-movjola, pero`, tista' taghtik "stills" li fl-ahhar mill-ahhar iridu jigu interpretati bil-buon sens minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti.

L-appellant jichad li hu qal xi kliem ingurjuz jew ta' theddid. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li, a bazi tal-provi li l-ewwel qorti kellha quddiemha, dik il-qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha ghar-rigward ta' l-

Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Hekk, per ezempju, is-Surgent tal-Pulizija 567 Bajada jghid jispjega kif il-Pulizija presenti fuq is-sit kellhom jirrestringu lil Attard bil-forza biex dana ma jmurx ghall-imsemmi Felice; huwa sema lill-appellant jghid lil dan Felice "Insibek Malta" (fol. 95). Ix-xhud Joe (Joseph) Felice wkoll jghid li l-appellant indirizzah bil-kliem "Issa nsibek Malta u noqtlok" (fol. 109 u 112). Ix-xhud Ray Bugeja jispjega kif l-appellant kwazi gie fl-idejn ma' l-imsemmi Felice. Carl Scerri (fol. 120 *et seq.*) ighid hekk:

**Ahna smajna li gejjin [il-Perit u s-sur Attard] ghax smajna l-ghajjat minn isfel u x'hin waslu fis-sular ta' fuq, tat-tarag, fejn kien hemm il-pjan fejn konna ahna, is-sur Attard fl-ahhar tat-targa gera girja fuq is-sur Felice.** (fol. 120).

Dan ix-xhud jirrelata l-kliem li qal Attard b'dan il-mod: "Ghaliex ghamiltli hekk? Lili Rajt? Ghax noqtlok. U nsibek Malta" (fol. 121). Ix-xhud Mark Cini (fol. 135) jiddeskrivi x'gara kif appena Attard wasal fuq il-post hekk:

**…l-ewwel ma tela', tela' b'pass daqsxejn hafif, mit-tarag kien Charles Attard illi jien nimmagina li mill-ahhar pjan sal-livell tal-bejt hemm xi sitt targiet bejn wiehed u iehor, allura x'hin wasal fil-pjan hares qisu x'qed jigri kif rajtu jien. Ra lis-sur Joe Felice immedjatament u mar jigri fuqu u jghajjat: "Ghaliex ghamiltli hekk. Lili rajt. Ghax noqtlok. Insibek Malta". Imbghad sakemm lahaq gie fejn Joe Felice li resqu, kwazi kien hemm kuntatt ma' xulxin, gew il-Pulizija jifirduhom u baqa' sejjer dan l-istorbju u kliem ta' dan it-tip.**

Ix-xhud John Agius ukoll jikkonferma sostanzjalment dan id-diskors da parti ta' l-appellant Attard. Din il-Qorti, ghalhekk, m'ghandha ebda dubbju li l-appellant oltraggja lill-ufficjal ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar Joe Felice bi kliem ta' theddid, liema kliem inghad minhabba li dan Felice kien wettaq servizz pubbliku. Din il-Qorti tifhem li hadd ma jiehu gost li l-bini tieghu jitwaqqa mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar; izda dana l-fatt ma jintitola lil hadd li jhedded lill-

ufficjali ta’ l-imsemmija Awtorita` fil-qadi jew minhabba li jkun qdew, jew biex dak li jkun ibezzaghhom biex ma jaqdux, id-dmirijiet difficli u, xi mindaqqiet perikoluzi, taghhom. Li wiehed jhedded li joqtol lil xi hadd hi probabbilment l-aktar theddida serja li wiehed jista’ jaghmel kontra persuna ohra, ghalkemm sfortunatament il-piena f’dan il-kaz hija dik tal-kontravvenzjonijiet (ara l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali moqri fl-imkien ma’ l-Artikolu 95(2) ta’ l-istess Kodici). Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, id-dikjarazzjoni ta’ sejbien ta’ htija maghmula mill-ewwel qorti ser tigi konfermata.

Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti tara li dana huwa fondat u l-appell ghandu ghandu jintlaqa’ f’dan ir-rigward. Il-parti relevanti tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 56 tal-Kap. 356 kienet (qabel l-emendi introdotti bl-Att XXI tas-sena 2001) taqra hekk:

**Kull min…izomm, jostakola jew xort’ohra jfixkel, jew jipprova jzomm, jostakola jew ifixkel, xi ufficjal jew impjegat ta’ l-Awtorita`, jew [xi] ufficjal tal-pulizija, fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu taht il-ligi…** (sottolinear tal-Qorti).

Kif inghad, l-appellant jikkontendi li meta tfacca huwa u l-Perit Vella Baldacchino, id-demolozzjoni li kienu marru biex iwettqu l-ufficjali ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar kienet effettivament diga saret. Din il-Qorti taqbel ma’ l-appellant. Kif xehed bi precizjoni ix-xhud John Agius (fol. 160), korroborat minn xhieda ohra, ix-xoghol ta’ demolizzjoni kien tlesta u kien ghad baqa’ biss il-gallerija li pero` ma kellhomx l-ghodda biex jaqtghuha. Dak li hin li tfaccaw l-appellant u l-Perit kullma kien qed isir kien it-tnehhija tal-materjal li kien twaqqa’, jigifieri t-tindif tal-post.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah; thassarha u tirrevokha wkoll f’dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta’ hames mitt lira, u minflok tikkundannah ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25),

konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------